Fil-Jum Ewropew tal-Lingwi niċċelebraw il-wirt lingwistiku rikk tal-Ewropa u l-apprendiment tal-lingwi li jagħtina aċċess għal dak il-wirt.

Il-wirt kulturali u lingwistiku tal-Ewropa huwa wieħed mill-karatteristiċi tajbin tagħha, minqux fil-motto "Magħquda fid-diversità". Il-Kunsill tal-Ewropa u l-Unjoni Ewropea jħaddnu u jipproteġu l-multilingwiżmu, filwaqt li jirrikonoxxuh bħala l-pedament tad-demokrazija, tal-inklużjoni u tal-koeżjoni soċjali. Għal din ir-raġuni, it-tagħlim u l-apprendiment ta' diversi lingwi fl-iskejjel tagħna mhuwiex lussu kulturali iżda bżonn politiku: il-mod li bih l-ideal Ewropew isir realtà u li bih insaħħu l-valuri pluralistiċi, inklużivi u prospettivi li huma ċentrali għall-proġett Ewropew.

# Noħolqu ambjent li jħeġġeġ it-tagħlim tal-lingwi

## Manifest ta' motivazzjoni għall-Jum Ewropew tal-Lingwi

### Il-lingwi jagħtuna s-setgħa għax

- permezz tagħhom nikkomunikaw u nistabbilixxu relazzjonijiet ma' persuni li jitkellmu lingwi oħra
- jgħinuna nifhmu kulturi li inkella jibqgħu mistura għalina
- itejbu l-għażliet tal-karriera tagħna
- ikabbru l-identitajiet tagħna
- jiftħu perkorsi ġodda għal studju akkademiku u vokazzjonali
- jespandu l-għarfien kritiku tagħna

### L-istudenti jitħeġġu jitgħallmu l-lingwi jekk

- jiġu milqugħa f'komunità ta' apprendiment li toffrilhom appoġġ
- jitħeġġu jaqsmu l-kontroll tal-proċess tal-apprendiment
- fl-istess ħin ikunu utenti u studenti tal-lingwa/i finali tagħhom

### Dan il-manifest jitlob għall-iżvilupp ta' ekoloġija ta' motivazzjoni li

- tinsisti fuq il-valur ugwali tal-lingwi kollha
- tirrikonoxxi l-valur u l-benefiċċji tad-diversità lingwistika u kulturali

### L-iżvilupp ta' ekoloġija ta' motivazzjoni jiddependi fuq l-isforzi ta' appoġġ reċiproku ta'...

- l-awtoritajiet reġjonali u lokali
- dawk li jfasslu l-politika, il-leġiżlaturi u l-amministraturi
- l-assoċjazzjonijiet professjonali tal-għalliema
- l-għalliema tal-lingwi
- l-istudenti tal-lingwa
- l-iżviluppatur tal-kurrikulu
- l-edukaturi u l-għalliema tal-lingwi
- l-ispetturi tal-iskola
- l-assoċjazzjonijiet tal-ġenituri
- l-NGOs li għandhom x'jaqsmu mal-lingwi minoritarji u reġjonali, mar-relazzjonijiet internazzjonali u mal-iskambji kulturali
- is-surmastrijiet u l-maniġers tal-iskejjel

Niżżel it-test sħiħ tal-Manifest ta' Motivazzjoni hawnhekk:
edl.ecml.at/Motivation

2025-MT

edl.ecml.at




Il-Jum Ewropew tal-Lingwi
26 ta' Settembru

EUROPEAN UNION

EUROPEAN CENTRE FOR MODERN LANGUAGES
CENTRE EUROPEEN POUR LES LANGUES VIVANTES

COUNCIL OF EUROPE
CONSEIL DE L'EUROPE